TRIBUNAL INDUSTRIJALI

KAZ NRU. 70 Pt. II

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
L-Ghaqda (Union) Ufficjali Anzjani tat-Tarzna DSESU
u
l-Management tal-Malta Drydocks
dwar decizjoni Nru. 69 moghtija fil-31 ta' Lulju 1980.

28/10/81

Chairman : Mr C.J. Mallia
Membri: Mr. A.J. Baldacchino, M. Litt.(Oxon.), D.Pol. Econ.(Oxon.)
Mr A.M. Farrugia

VERBAL

It-Tribunal jibda biex ifakkar li l-kompitu originali tieghu tlesta fil-31 ta' Lulju 1980, meta huwa ta d-decizjoni Nru. 69.

2. F'Jannar, 1981, il-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali ikkonsultat lit-Tribunal skond l-artikolu 27 (4) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 dwar ilment mid-DSESU fuq l-imsemmi award. F'dak l-istadju, it-Tribunal kien ga qed jidhirlu li prima facie ma kienx hemm kaz ta' nterpretazzjoni.

3. Meta fil-25 ta' Frar, 1981, id-DSESU kitbet lit-Tribunal, din, ghad li semmiet xi dubbju li kien qam qabel dwar interpretazzjoni ta' l-Award Nru. 69, issa semmiet rifjut li jigi obdut l-Award. Ghalhekk it-Tribunal fil-5 ta' Mejju, 1981, beda jiltaqa' minghajr pregudizzju biex jara sewwa x'kien il-kaz.

/2. .....

4. Ghal din il-klarifikazzjoni, kien necessarju li jigu sottomessi dokumenti u li jithallew jinstemghu xhieda. Isegwi wkoll li x-xhieda jistghu jigu kontro-ezaminati mill-parti l-ohra.

5. It-Tribunal kien ikkonstata li

> f'kaz ta' <u>interpretazzjoni</u> ta' xi sentenza jew decizjoni tat-Tribunal, il-Membri tat-Tribunal ghandhom kemm jista' jkun ikunu l-istess Membri tat-Tribunal li jkun ta s-sentenza li taghha tkun qed tintalab l-interpretazzjoni - artikolu 35 (2) ta' l-Att ;

imma li

> f'kaz ta' <u>ezekuzzjoni</u> tas-sentenzi u decizjonijiet tat-Tribunal ma hemmx provdut li t-Tribunal ghandu jkun kompost mill-istess Membri originali - artikolu 34 (3) ta' l-Att. Kif inhu maghruf, il-ligi dak li trid tghidu.

6. Ghalhekk, it-Tribunal talab stqarrija bil-miktub minn ghand iz-zewg partijiet dwar jekk huma ghandhomx xi dubbji jew nuqqas ta' ftehim ghal dak li jfisser l-Award Nru. 69, u kif kull naha minnhom tifhem li jfisser l-Award fir-rigward tal-punti li kien baqa' in kwistjoni. Dawn l-istqarriji nghataw lit-Tribunal, u jgibu d-dati rispettivament dik tal-Management 13 t'Ottubru, 1981, u dik tal-Union 16 t'Ottubru, 1981.

7. Qabel ma jiddelibera fuq il-bazi ta' dawn iz-zewg stqarriji, it-Tribunal ihoss li hemm bzonn jesprimi ruhu fuq asserzjoni li ghamel il-Management fli stqarrija tieghu, billi din l-asserzjoni hija ta' natura generika li tista' tolqot il-

prattika generali fir-relazzjonijiet industrijali. Din l-asserzjoni tghid ezatt hekk:

> "Il-Kunsill u l-Management bir-rispett kollu jirripetu li, ga la darba l-Union kienet accettat pjenament l-inkarigu ta' diskussjonijiet u negozjati shah, ma setghetx bl-ebda mod fl-istess waqt iddur fuq it-Tribunal meta ftehim ma kienx possibbli."

7. It-Tribunal kien ga nnota din l-osservazzjoni meta saret ghall-ewwel darba, fl-ahhar paragrafu fir-risposta li l-Kunsill u l-Management tal-Malta Drydocks taw fid-19 ta' Mejju, 1981, ghall-istqarrija tal-kaz tad-DSESU. Minn dak in-nhar, it-Tribunal kien ga hass mod iehor, tant illi kompla jisma biex jara sewwa x'kien il-kaz. Illum, it-Tribunal irid jafferma formalment li dhul f'diskussjonijiet u negozjati, dwar l-implimentazzjoni ta' Award li jkun irid jigi applikat retrospettivament, b'ebda mod ma jeskludi li parti tirrikorri ghand it-Tribunal meta, fejn ma jkunx possibbli ftehim, hi jidhrilha li dan imur kontra l-Award.

8. Wara li studja z-zewg stqarrijiet vis-a-vis l-Award Nru. 69, it-Tribunal jara li ma hemm ebda kaz ta' nuqqas ta' ftehim minn parti jew minn ohra, hlief dak il-punt generiku li fuqu t-Tribunal iddecieda fil-para. 7 hawn fuq. Jekk, direttament konnessi mad-Decizjoni Nru. 69 tal-31 ta' Lulju, 1980, jista' jkun baqa' xi kwistjonijiet (bhal dawk li ssemmew dwar Uncertified Sick Leave, id-Departmental Manager tas-Civil Engineering, u Transfer of Managers), dawn zgur li mhumiex kazi ta' interpretazzjoni, imma jistghu jirrigwardaw esekuzzjoni tad-Decizjoni Nru. 69.

/4. .....

9. Kif intqal izjed il-fuq, it-Tribunal jara li, fil-waqt li ghal xi interpretazzjoni t-Tribunal skond l-artikolu 35 (2) ghandu jkun kompost mill-istess persuni li taw l-Award, ghal dik li hi esekuzzjoni ta' decizjoni, din skond l-artikolu 34 (3) ta' l-Att ghandha biss "tkun fis-setgha tat-Tribunal innifsu."

10. Ghal dana kollu, it-Tribunal, wara li ra li l-Membri tieghu ma ghadhomx jidhru fil-listi ta' persuni li jistghu jservu bhala Tribunal, wara li qies l-implikazzjonijiet legali ta' l-artikoli 34 u 35 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, jiddeciedi li dak li seta' baqa' wara d-Decizjoni Nru. 69 mhuwiex fil-kompetenza tal-persuni hawn taht iffirmati.

C.J. MALLIA
Chairman

A.J. BALDACCHINO

A.M. FARRUGIA
Membri

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

28 ta' Ottubru 1981

em